

# SANTA VENERA
## Kult Antik li Baqa' Ħaj Fostna

Raymond Saliba



Għalkemm l-oriġini tal-kult lejn Santa Venera (jew Parasceve), ma bediex ġewwa Sqallija, pero' hawn Malta waslet bi probabilità kbira minn din il-gżira. Hekk ġara fir-rigward ta' qaddisin oħra tal-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, bħal Margerita; Bjaġju; Leonardu; Filippu t'Agira; u l-bqija. Sqallija hi art vicinissima geografikament, fejn minnha xrobna minjiera kulturali u reliġjuża wiesa'. Hemm xebħ qawwi fit-temperament mediterranju li nħaddnu, li juri ruħu 'l aktar fil-Folklore b'mod ġenerali u fid-devozzjoni popolari reliġjuża, b'mod partikolari. Skond riċerki riċenti li għamel Mons. Vincent Borg, (Melita Sacra 1, vol 2), l-eqdem devozzjni marbuta ma qaddisin martri tal-bidu preżenti f'pajjiżna, hija dik ta' Sant Agata. Pero' Santa Venera wkoll għandha kult bikri li jsegwi l-iżvilupp ta' dak preċidenti. Jidher li fi Sqallija din id-devozzjoni kibret fi żmien in-Normanni, bejn l-1250 - 1350. F'Malta hu wkoll probabbli li din id-devozzjoni xxettlet fis-seklu tlettax.

Mir-Rollo tal-Isqof De Mello tal-1436 insibu ħjiel ta' kemm kienet kbira din id-devozzjoni sas-seklu erbatax għaliex jissemmew żewġ Benefikati b'rabta ma Santa Venera. Waħda kienet tissejjaħ "Ta' Ghar Barka" u l-oħra "Tal-Bakkari". Sa min dan iż-żmien jew qabel kien hemm żewġ meded t'art imsemmija għalija: dik f'Malta f'Hal-Kaprat, viċin B'Kara, kif ghadha msejħa preżentament "Santa Venera" u l-oħra f'Għawdex, magħrufa bħala "Santa Verna" qrib ix-Xagħra. Mis-seklu ħmistax naraw li x-xbieha tagħha kienet tidher fi knejjes trigolitiċi fir-Rabat ta' Malta, fejn kien hemm l-eqdem knejjes ta' pajjiżna. Waħda minn dawn kienet dedikata lilha u kienet għadha teżisti sas-seklu sbatax. Kienet għar (kripta) taħt l-art, ġewwa Hal-Bajjada, viċin dik ta' Sant'Agata. Il-fatt li kellha madwara l-ipoġej (katakombi) jixhed il-qdumija tagħha. Ma' dan il-post kien hemm marbuta wkoll Leġġenda li tgħid li l-qaddisa kienet għaddiet żmien titlob fih wara li ħarbet mill-persikuturi Rumani, kif jingħad ukoll fir-rigward ta' Sant Agata.



Mis-seklu 15 nibdew niltaqgħu mal-preżenza tagħha anke f'xi knejjes parrokkjali u rurali. Pero' insibu wkoll żewġ knejjes propju dedikati lilha, waħda f'Birkirkara (illum Santa Venera) u l-oħra f'Ħaż-Żebbuġ. Din tal-aħħar m'għadhiex teżisti u kienet issemmiet fil-Viżta Appostolika ta' Mons. Dużina tal-1575. Meta l-knisja ġiet ipprofonata, id-devozzjoni baqgħet intatta għaliex sar artal fil-knisja parrokkjali li diġa' jissemma fl-1608. Minn Visti Pastorali oħra jidher li l-kwadru fuq dan l-artal ġie mibdul kemm il-darba, sakemm sar dak preżenti li fih tidher il-qaddisa flimkien ma Santa Luċija u l-Assunta. Dan huwa kwadru prezzjuż li għandu merti artistiċi konsiderevoli, tant li jiġi attribwit lil Bottega ta' Guido Reni! Għal xi żmien, wara li kien tneħħa kwadru żgħir ta' Sant Agata minn din il-kappella, kienet tpenġiet it-tnalja u r-rukkell tan-newl maġenb saqajn Santa Venera biex din tibda tissejjaħ bħala Santa Agata. Minħabba f'hekk, id-devozzjoni lejha f'din il-knisja sparixxiet. Kuntrarju ta' dan, il-knisja l-oħra f'Birkirkara, baqgħet fuq saqajha, anzi minn waħda saru tnejn u sussegwentament saret parroċċa. Aktar minhekk, din tat isem lil medda art tal-madwar, li allura bdiet tissejjaħ "Santa Venera", li llum hu raħal awtonomu. Hi knisja bi storja nteressanti, speċjalment għax magħha tintrabat il-preżenza tal-Eremiti u Ordnijiet Reliġjużi, li wieħed minnhom għadu jieħu kura tagħha. Hemm ukoll rabta folkloristika, li sfortunatament m'għadhiex teżisti, meta kienet issir fiera tal-ġugarelli. Jien niftakarha f'agunija, biswit il-ġnien Romeo Romano, b'ħafna logħob relatat mad-delizzju tal-knejjes.

Preżentament iċ-Ċentru lokali tad-devozzjoni lejn Santa Venera hija l-parroċċa lilha dedikata u hekk nassumu li ser jibqa' għal futur. Isedqu dan il-kult ukoll l-għaqdiet tar-raħal li jġibu isimha, bħal Kumitat tal-Festi Esterni; il-Banda; dak tan-Nar, tal-Futbol u tal-Boċċi. Pass mill-aktar pożittiv hu l-kuntatti uffiċċjali li għamlu l-Kunsill Lokali u l-Parroċċa ma' postijiet fi Sqallija fejn il-kult lejn il-qaddisa hu akbar. Dan jagħti dimensjoni universali lil dan il-kult li jmur 'il bogħod mill-konfini limitati tagħna. Kemm hu sabiħ dan il-fenominu reliġjuż u kulturali li permezz ta' persunaġġ storiku jintrabtu flimkien ġenerazzjonijiet sħaħ.